MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2010

Numru. 120/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Oglive Grima, ta' 19-il sena bin Anthony u Anna nee' Borg mwieled Pieta' nhar is-26 ta' Marzu 1991, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 207891(M), residenti Blokk A, Unit 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Rinella, Kalkara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Oglive Grima li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Frar 2009 ghal habta ta' 11:00hrs minn gewwa Lotto Office numru 164 li tinsab gewwa il-Kazin ta' San Guzepp, ix-Xatt, Kalkara ikkometta serq ta' 130 Ewro, liema serq ma

jeccediex il-232.94 Euro (Lm100) izda huwa aggravat bil-persuna u bil-mezz ghad dannu ta’ Joseph Vella minn Zabbar.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D datata 23 ta’ April 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Laurence Quintano datata 7 ta’ April 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula:

Rat id-dokumenti.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni irregistrata mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-amissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda fuq kollox ix-xhieda moghtija mill-Probation Officer Chantelle Avellino li qed issegwi lill-imputat u lil Vicky Scicluna, rappresentant tas-SEDQA[1]. Jidher illi l-imputat ilu fil-vizzju tad-droga minn eta’ zghira. Illum huwa bena familja, ghandu tarbija u qieghed jipprova

[1] Ara xhieda a fols.48 u 54 rispettivament

jeghleb dina l-problema f'hajjtu. Fil-fatt jidher illi huwa qieghed isegwi id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Agenzija SEDQA u jidher illi ilu ma jmiss sustanzi nocivi sa minn Frar 2010. Madanakollu l-imputat diga inghata zewg opportunitajiet sabiex jirriforma hajjtu izda ma uzufruwiex ruhu minnhom, ghalkemm illum jidher illi qieghed jaghraf illi ghandu responsabiltajiet ohra f'hajjtu. Il-Qorti fid-dawl tal-fatt illi l-imputat huwa recidiv kif ukoll illi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiza imposta fuqu inqas minn sena qabel ma gie kommess dana id-delitt, ma ghandhiex triq ohra hlief li timponi piena karcerarja effettiva. Madanakollu il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena meta gie kommess dana id-delitt, kif ukoll illi huwa irritorna il-flus misruqa lid-derubat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 261(b) u (d) 263(a), 268(c), 278(2), 37, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' hames (5) xhur prigunerija. Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B(2)(a) fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz qieghda tastjeni milli tordna illi s-sentenza sospiza tat-23 ta' April 2008 tigi fis-sehh u ghaldaqstant il-perijodu operattiva ta' l-imsemmija sentenza ghandu jibqa' operattiv biex b'hekk hekk kif johrog mill-habs huwa jibqa taht is-sorveljanza ta'l-Ufficjal tal-Probation Chantelle Avellino. Fid-dawl ta' l-eta ta'l-imputat il-Qorti qed taghmel rakkomondazzjoni lid-Direttur tal-Habs illi l-imputat jinzamm fis-sezzjoni YOURS sabiex jibbenifika mill-ghajnuna kollha li hu u il-familja tieghu ghandhom bzonn.

Il-Qorti tordna sabiex kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------